Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,970, 6 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 328 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. - li ġew ippubblikati bħala Avviż Legali 102 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "r-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. Meta n-numru tal-istudenti li jistgħu jidħlu fil-Kors ikun limitat mis-Senat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. – u n-numru ta' applikanti eliġibbli għall-Kors ikun aktar mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla tal-applikanti għandha ssir skont il-kriterji mniżżla f'dawn ir-regolamenti."

It-Tħassir tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolamenti 5 sa 8 tar-regolamenti prinċipali

5. Ir-regolamenti 5 sa 8 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 4 sa 7.

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli ta' nazzjonalità Maltija u ċittadini oħra tal-UE/ŻEE mill-postijiet disponibbli, l-applikanti minn dan il-grupp għandhom jintgħażlu mill-Bord tad-Dħul tal-Università, wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, skont il-kriterji għall-għażla kif speċifikati fir-regolament 6.

(2) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli li mhumiex ċittadini tal-UE/ŻEE mill-postijiet disponibbli, l-applikanti minn dan il-grupp għandhom ikunu magħżula kif indikat fil-paragrafu (5) tar-regolament 6.

(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli li għandhom il-grad ta' Bachelor Science (Honours) in Dental Hygiene or Dental Technology mill-postijiet disponibbli, l-applikanti minn dan il-grupp għandhom ikunu magħżula kif indikat fir-regolament 7."

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

7. Il-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

8. Il-paragrafi (3) sa (7) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (2) sa (6).

9. Minflok il-paragrafi (2) sa (6) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jsejjaħ għal intervista u / jew eżami applikanti minn dawk li ġew fil-kategoriji għoljin, mhux inqas minn numru totali ta' student kif stabbilit mis-Senat, sakemm jekk applikant wieħed f'kategorija jissejjaħ għal intervista, l-applikanti kollha li jaqgħu fl-istess kategorija jissejħu wkoll. Il-Bord/Bordijiet tal-Intervisti għandhom ikunu magħmula mid-Dekan jew id-delegat tiegħu, tliet membri oħra maħtura mill-Bord, li wieħed minnhom għandu jkun minn barra l-Fakultà tal-Kirurġija Dentali.

(3) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jirriserva d-dritt li jagħmel it-tieni intervista jekk żewġ applikanti jew aktar jiġu fl-istess post matul l-ewwel intervista.

(4) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jpoġġi lill-applikanti f'ordni tal-mertu finali wara li jikkonsidra l-attitudni, il-motivazzjoni, l-abbiltà fil-komunikazzjoni u l-isfond akkademiku globali tagħhom. Il-Kumitat għandu jissottometti rapport dettaljat inkluż ir-rakkomandazzjonijiet finali dwar l-għażla tal- applikanti eliġibbli lill-Bord tad-Dħul tal-Università. Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jista' jiġi mgħejjun minn esperti jekk iħoss il-ħtieġa waqt l-intervisti tal-għażla.

(5) Il-postijiet riservati għall-applikanti li mhumiex ċittadini tal-UE/ŻEE kif speċifikat fis-sejħa tal-applikazzjonijiet, għandhom jimtlew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħultal-Fakultà, li għandu l-ewwel jikkunsidra applikanti li jtemmu b'suċċess il-kors li jwassal għas-Certificate in Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti Relatati max-Xjenzi tas-Saħħa).

(6) (a) Jekk sal-aħħar tas-sessjoni tal-eżamijiet ta' Ġunju, ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-Foundation Studies Programme milli jkun hemm postijiet disponibbli, l-applikanti minn dan il-grupp għandhom ikunu magħżula skont il-livell akkademiku tagħhom fi ħdan dan il-Programm, u skont intervista (inkluż il-manual dexterity test) li għandha ssir f'Lulju.

(b) Jekk sal-aħħar tas-sessjoni tal-eżamijiet ta' Ġunju, ikun hemm inqas applikanti eliġibbli mill-Foundation Studies Programme, applikanti oħra li mhumiex ċittadini tal-UE/ŻEE għandhom ikunu kkunsidrati u l-għażla għandha tkun skont il-livell akkademiku tagħhom, u skont intervista (inkluż il-manual dexterity test) li għandha ssir f'Lulju jew wara.

(ċ) L-applikanti li jgħaddu skont is-sotto-paragrafi (a) u (b) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu kklassifikati f'ordni ta' mertu biex postijiet vakanti jimtlew. Dawn l-applikanti huma mistennija li jikkonformaw mal-Occupational Health Protocol."

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

10. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Il-postijiet riservati għall-applikanti li għandhom il-grad ta' Bachelor Science (Honours) in Dental Hygiene or Dental Technology kif speċifikat fis-sejħa tal-applikazzjonijiet għandhom jimtlew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà. L-għażla ta' dawn l-applikanti għandha tkun ibbażata fuq il-marka medja finali miksuba fil-grad tal-Bachelor u intervista li ssir għal dan il-għan."